MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 8/2009

**Charles Duca**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Lulju, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru
>
> Ra l-appell
>
> Ra r-risposta
>
> Ikkunsidera

> Illi jirrizulta mid-dokumenti esibiti inkluz affidavit u ricevuta, li l-appellant ta spjegazzjoni sodisfacenti tad-depoziti u infiq.
>
> Ghalhekk l-appell qed jigi milqugh."

Appella minn din is-sentenza d-Direttur tas-Sigurta` Socjali bl-aggravju illi l-Arbitru ddecieda fuq bazi erroneja ghaliex il-fatti tal-kaz kienu jistabilixxu illi r-rizorsi kapitali ta' l-appellat ghal fini ta' l-intitolar minn martu ghall-Ghajnuna Medika kienu jeccedu l-massimali ta' €23,300 prefissa fl-Artikolu 1 (a) (ii) tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 318;

Fil-qosor hafna l-fatti essenzjali tal-kaz kienu dawn:-

1. Fil-25 ta' Awissu 2006 l-appellat applika ghall-Ghajnuna Medika ghall-martu. F'din l-applikazzjoni huwa ddikjara li bhala rizorsi kapitali kellu l-akkont bankarju Numru 40014642362 li kien juri bilanc ta' Lm50;

2. B'ittra tad-19 ta' Mejju, 2008 id-Dipartiment informa lill-appellat illi hu ma setax ikompli jibbenefika minn dik l-ghajnuna ghaliex ir-rizorsi kapitali tieghu kienu effettivament jeccedu l-massimu stabbilit mit-Test tal-Mezzi a tenur tat-Tieni Skeda ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

3. Fl-atti quddiem l-Arbitru gewipprezentati estratti tal-kontijiet bankarji ta' l-appellat u ta' martu u kont bankarju *joint* f'ismu u f'isem zitu Paolina Baldacchino. Dan l-ahhar kont, li kopji tieghu jinsabu esebiti minn fol. 26 sa fol. 36, igib in-numru 40013255721 (Bank of Valletta);

Bla ebda ezitazzjoni ta' xejn din il-Qorti trid mill-bidunett tirrileva fuq l-indagini taghha tal-provi in atti illi d-decizjoni ta' l-Arbitru tippekka minn deficjenza obbjettiva tal-kriterju logiku segwit ghall-formazzjoni tal-konvinciment, u, anzi, il-konkluzjoni raggunta mill-Arbitru hi ghal kollox

kontradetta mill-istess provi. Taht dan il-profil jinghad bla tlaqliq illi d-Direttur wisq sewwa ddenuncja n-nuqqas mill-Arbitru ta' valutazzjoni adegwata ta' certi rizultanzi probatorji u li l-ezami maghmul kien insufficjenti u l-motivazzjoni, irrazzjonali, meta raffrontata ma' l-istharrig akkurat tal-provi;

B'demonstrazzjoni d-Direttur appellanti jissottometti illi l-appellanti ma indikax il-kontijiet bankarji kollha tieghu fil-mument ta' l-applikazzjoni, kif hekk kien inkombenti b'obbligu li jaghmel, u li, ukoll, ir-ricevuti esebiti ghal finijiet ta' spjegazzjoni ta' infiq ma kienux accettabbli ghaliex huma inkomprensibbli, bla indikazzjoni tar-registrazzjoni tal-VAT u, dippju, lanqas ma kellhom konnessjoni mal-perijodu relattiv ghal dik ta' l-applikazzjoni;

L-istruzzjoni tal-kaz quddiem l-Arbitru kien maghmul minn produzzjoni ta' dokumenti (kontijiet bankarji u ricevuti) u ta' prova permezz ta' Affidavit mill-appellat. Suppost li dawn kellhom komplessivament juru l-ezistenza ta' cirkostanzi li jsostnu l-gravam ta' l-appellat u li jistabilixxu l-fatt kostitutiv ta' l-obbjezzjoni tieghu, *qua* oggett tal-gudizzju, fil-konfront tad-decizjoni tad-Direttur li tterminalu l-ghoti tal-ghajnuna. Suppost ukoll illi l-gudizzju ta' l-Arbitru kellu jkun rikonciljat mal-valutazzjoni korretta ta' dawk l-istess cirkostanzi naxxenti mir-rizultanzi probatorji;

Sfortunatament, minn imkien minn dak l-istess gudizzju ma nsibu indikat liema kienu l-elementi specifici tal-provi mill-Arbitru ritenuti idoneji biex jiggustifikaw il-konvinciment tieghu tal-fatti. Huwa llimita ruhu biex b'erba' kelmiet jafferma generikament illi "l-appellanti ta spjegazzjoni sodisfacenti tad-depoziti u nfiq", u dan mingahjr ebda indikazzjoni specifika tal-fonti probatorja li minnu origina dak il-konvinciment tieghu. Il-Qorti wisq tissuspetta illi l-Arbitru lanqas biss ezamina d-dokumenti esebiti ghaliex kieku ghamel dan u apprezzahom kif imiss u bir-reqqa kien jiskopri illi, bil-kontra ta' dak asserit mill-appellat, l-elementi tal-provi, ma kienux jissorreggu l-

ilment tieghu sottopost lilu. Ad ezempju, meta tigi konfrontata l-allegazzjoni ta’ l-appellat prodotta fl-ittra ta’ l-appell (26 ta’ Mejju, 2008, fol. 48) illi l-flus fl-*account joint* ma’ zitu kienu proprjeta` ta’ din, u mhux tieghu, ma’ dak mistqarr minnu fl-Affidavit (fol. 9) fis-sens illi dak l-istess account (Nru 40013255721) kien tat-tnejn;

Jekk hemm htiega ta’ ripetizzjoni, din il-Qortii pjenament tikkonkorda ma’ l-aggravji tad-Direttur appellant li impunja s-sentenza. Huwa wera, b’success, illi, kuntrarjament ghal dak iddikjarat mill-Arbitru, kienu jezistu elementi probatorji li kellhom iwasslu ghal konviciment divers. Dan anke jekk l-istess Direttur ma gabx ukoll ‘il quddiem difett ta’ motivazzjoni, kif kellu kull dritt jaghmel, trattasi ta’ ragonament semplicistiku u spiccjattiv li bih il-kwestjoni giet affrontata.

Ghall-motivi esposti din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u thassar ghal kollox is-sentenza appellata bl-ispejjez jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------